32005R1777

29.10.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 288/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1777/2005

tas-17 ta' Ottubru 2005

li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 77/388/KEE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidra s-sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq il-valur tal-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' valutazzjoni [1] hawn aktar 'il quddiem imsejħa "Direttiva 77/388/KE", u b'mod partikolari l-Artikolu 29a tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Direttiva 77/388/KEE fiha regoli dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud li, f'ċerti każijiet, huma soġġetti għall-interpretazzjoni ta' l-Istati Membri. L-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet komuni għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 77/388/KEE għandha tiżgura li l-applikazzjoni tas-sistema ta' taxxa fuq il-valur miżjud tikkonforma aktar bis-sħiħ ma' l-objettiv tas-suq intern, f'każijiet fejn irriżultaw jew jistgħu jirriżultaw diverġenzi fl-applikazzjoni li mhumiex kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma legalment vinkolanti biss mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u huma mingħajr preġudizzju għall-validità tal-leġislazzjoni u ta' l-interpretazzjoni adottati qabel mill-Istati Membri.

(2) Sabiex jintlaħaq l-objettiv bażiku ta' uniformità fl-applikazzjoni tas-sistema attwali ta' taxxa fuq il-valur miżjud jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 77/388/KEE, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni taxxabbli, il-forniment ta' merkanzija u provvista ta' servizzi, kif ukoll il-postijiet fejn jiġu fornuti jew provduti. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 (3) tat-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan mixtieq. Peress li jorbot u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, l-uniformità fl-applikazzjoni tintlaħaq bl-aħjar mod b'Regolament,

(3) Il-miżuri ta' implimentazzjoni fihom dispożizzjonijiet speċifiċi li jwieġbu għal ċerti kwistjonijiet ta' applikazzjoni u huma mfassla biex iwasslu, fil-Komunità kollha, trattament uniformi ta' dawn il-każijiet partikolari biss. Għalhekk m' għandhomx ikunu transposabbli għal każijiet oħra u għandhom jiġu applikati b'kont meħud tal-formulazzjoni tagħhom b'mod restrittiv.

(4) L-integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern ikkonfermat mill-ġdid il-ħtieġa ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn operaturi ekonomiċi stabbiliti fi Stati Membri differenti, kif ukoll l-iżvilupp ta' gruppamenti ta' interess ekonomiku Ewropej (EEIG) kostitwiti skond ir-Regolament (KEE) Nru 2137/85 [2]. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit li dawn l-EEIG jikkonsistu wkoll f'persuni taxxabbli meta jfornu merkanzija jew jipprovdu servizzi bi ħlas.

(5) Il-bejgħ ta' opzjoni bħala strument finanzjarju għandu jkun trattat bħala provvista ta' servizz separat mit-transazzjonijiet marbuta li magħhom tirrelata l-opzjoni.

(6) Min-naħa l-waħda, għandu jiġi stabbilit li transazzjoni li tikkonsisti unikament mill-immuntar tal-partijiet differenti ta' magna forniti lilu mill-klijent, għandha tiġi kkunsidrata bħala provvista ta' servizz u, min-naħa l-oħra, jiġi stabbilit il-post fejn issir tali provvista.

(7) Ladarba servizzi varji provduti fil-qafas ta' l-organizzazzjoni ta' funerali jiffurmaw parti mill-istess servizz waħdieni, teżisti wkoll raġuni valida għad-definizzjoni tar-regola li għandha tiġi applikata għad-determinazzjoni tal-post tal-provvista.

(8) Ċerti servizzi speċifiċi bħall-għoti tad-drittijiet ta' xandir fuq it-televiżjoni ta' partiti tal-futbol, it-traduzzjoni ta' testi, is-servizzi relatati mad-domandi għal rimbors ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ċerti servizzi ta' aġenti, il-kiri ta' mezzi tat-transport u ċerti servizzi elettroniċi li jimplikaw transazzjonijiet trans-konfinali jew anke l-parteċipazzjoni ta' operaturi ekonomiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi. Il-post tal-provvista ta' dawn is-servizzi għandu jkun determinat b'mod ċar biex jikkontribwixxi għal sigurtà legali akbar. Il-lista tas-servizzi elettroniċi jew oħrajn ma tkunx la definittiva u lanqas eżawrjenti.

[1] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

[2] ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1.

(9) F'ċerti ċirkustanzi speċifiċi, il-ħlas ta' kummissjoni għall-ipproċessar ta' ħlasijiet magħmula b'karta ta' kreditu jew ta' debitu b'konnessjoni ma' transazzjoni m'għandhiex tnaqqas l-ammont taxxabbli tat-transazzjoni in kwistjoni.

(10) L-attivitajiet ta' taħriġ professjonali jew ta' taħriġ mill-ġdid għandhom jinkludu t-tagħlim marbut direttament ma' settur jew ma' professjoni, kif ukoll it-tagħlim mogħti bil-għan li jinkiseb jew jiġi aġġornat l-għarfien għal finijiet professjonali, indipendentament mit-tul tat-taħriġ.

(11) "Id-Dukati tal-platinu" għandhom ikunu trattati bħala esklużi mill-eżenzjonijiet applikabbli għall-valuta, il-karti tal-flus u l-muniti.

(12) Il-merkanzija trasportata barra l-Komunità mix-xerrej tagħha u użata għat-tgħammir ta' jew l-għoti ta' fornimenti lil mezzi ta' trasport użati għal finijiet mhux kummerċjali minn persuni oħra barra minn persuni fiżiċi, bħal per eżempju korpi regolati mil-liġi pubblika u assoċjazzjonijiet, m'għandhiex tibbenefika minn eżenzjoni għal transazzjonijiet ta' esportazzjoni.

(13) Sabiex tiġi garantita prattika amministrattiva uniformi għall-kalkolu tal-valur minimu għall-eżenzjonijiet applikabbli fuq l-esportazzjoni ta' merkanzija li tinġarr fil-bagalji personali ta' min jivvjaġġa, għandhom jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet dwar tali kalkoli.

(14) Dokumenti elettroniċi ta' importazzjoni għandhom ukoll jitħallew jintużaw għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis ladarba dawn jissodisfaw l-istess ħtiġiet bħad-dokumenti stampati.

(15) Il-pożijiet għad-deheb għal investiment li huma definittivament aċċettati mis-suq tad-deheb għandhom jiġu indikati u għandha tiġi determinata data komuni għall-istabbiliment tal-valur tal-muniti tad-deheb sabiex jiġi żgurat trattament ugwali ta' l-operaturi ekonomiċi.

(16) L-iskema speċjali applikabbli għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fil-Komunità li jipprovdu servizzi elettroniċi lil persuni mhux taxxabbli stabbiliti jew residenti fil-Komunità hija soġġetta għal ċerti kondizzjonijiet. Fil-każ fejn dawn il-kondizzjonijiet mhumiex sodisfatti, il-konsegwenzi, b'mod partikolari, għandhom jkunu espressi b'mod ċar.

(17) Fil-qasam ta' l-akkwist intra-komunitarju ta' merkanzija, l-Istat Membru li jakkwista għandu jżomm id-dritt ta' tassazzjoni tiegħu jkun kif ikun it-trattament tat-transazzjoni, fi Stati Membri oħra, fuq il-livell tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

(18) Għandhom jiġu stabbiliti regoli biex jiżguraw it-trattament uniformi ta' fornimenti ta' merkanzija ladarba fornitur ikun eċċeda l-limitu ta' bejgħ b'distanza stabbilit għal fornimenti fi Stat Membru ieħor,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 4, 6, 9, 11, 13, 15, 18, 26b, 26 ċ, 28a u 28b tad-Direttiva 77/388/KEE, kif ukoll ta' l-Anness L tagħha.

KAPITOLU II

PERSUNI TAXXABBLI U TRANSAZZJONIJIET TAXXABBLI

TAQSIMA 1

(Artikolu 4 tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 2

Grupp Ewropew ta' Interess Ekonomiku (EEIG) kostitwit skond ir-Regolament (KEE) Nru 2137/85, li jipprovdi merkanzija jew servizzi bi ħlas lill-membri tiegħu jew lil partijiet terzi, għandu jkun persuna taxxabbli fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 77/388/KEE.

TAQSIMA 2

(Artikolu 6 tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 3

1. Il-bejgħ ta' opzjoni, fejn tali bejgħ huwa transazzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (5) ta' l-Artikolu 13(B)(d) tad-Direttiva 77/388/KEE, għandu jitiqies bħala provvista ta' servizzi fis-sens ta' l-Artikolu 6(1) ta' dik id-Direttiva. Din il-provvista ta' servizzi għandha titqies bħala separata mit-transazzjonijiet marbuta li magħhom huma relatati s-servizzi.

2. Fejn persuna taxxabbli timmonta biss il-partijiet differenti ta' magna li kollha kemm huma ġew ipprovduti lilu mill-klijent tiegħu, dik it-transazzjoni għandha titqies bħala provvista ta' servizzi fis-sens ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 77/388/KEE.

KAPITOLU III

POST TA' TRANSAZZJONIJIET TAXXABBLI

TAQSIMA 1

(Artikolu 9(1) tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 4

Safejn dawn jikkostitwixxu servizz waħdieni, is-servizzi pprovduti fil-qafas ta' l-organizzazzjoni ta' funeral għandhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 77/388/KEE.

TAQSIMA 2

(Artikolu 9(2) tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 5

Ħlief fejn il-merkanzija li qed tiġi mmuntata ssir parti minn proprjetà immobbli, il-post tal-provvista tas-servizzi speċifikati fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament għandu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 9(2)(ċ) jew l-Artikolu 28 (b) titolu F tad-Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 6

Is-servizz ta' traduzzjoni ta' testi għandu jkun kopert mill-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 7

Meta korp stabbilit f'pajjiż terz jassenja drittijiet ta' xandir bittelevižjoni fir-rigward ta' logħbiet tal-futbol lil persuni taxxabbli stabbiliti fil-Komunità, dik it-transazzjoni għandha tkun koperta mill-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 8

Il-provvista ta' servizzi li jikkonsistu fl-applikazzjoni għal jew irriċeviment ta' rimborsi skond id-Direttiva 79/1072/KEE [1] għandu jkun kopert mit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 9

Il-provvista ta' servizzi ta' aġenti kif imsemmi fis-seba' inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE għandu jkopri kemm il-provvista ta' servizzi ta' aġenti li jaġġixxu f'isem u akkont ta' min jirċievi s-servizz miksub kif ukoll is-servizzi mwettqa mill-aġenti li jaġġixxu f'isem u akkont ta' min jipprovdi s-servizz.

Artikolu 10

Trejlers u semi-trejlers kif ukoll vaguni tal-ferrovija huma mezzi tat-trasport għall-finijiet tat-tmien inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE.

Artikolu 11

1. Servizzi provduti elettronikament kif imsemmija fit-tnax-il-inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) u fl-Anness L għad-Direttiva 77/388/KEE għandhom jinkludu servizzi li jiġu provduti minn fuq l-Internet jew permezz ta' *network* elettroniku u li n-natura tagħhom tagħmel il-provvista tagħhom essenzjalment awtomatizzata u li jinvolvu intervent minimu min-naħa tal-bniedem, u li m'għandhomx vijabbiltà jekk tonqos it-teknoloġija ta' l-informatika.

2. Is-servizzi li ġejjin, b'mod partikolari, għandhom ikunu koperti mill-paragrafu 1 meta mogħtija minn fuq l-Internet jew permezz ta' *network* elettroniku:

(a) il-forniment ta' prodotti diġitali b'mod ġenerali, speċjalment *software*, it-tibdil u t-titjib tiegħu;

(b) servizzi li jipprovdu jew isostnu negozju jew preżenza personali fuq *network* elettroniku bħal xi sit web jew paġna fuq l-Internet;

(ċ) is-servizzi ġġenerati awtomatikament minn kompjuter fuq l-Internet jew fuq *network* elettroniku, bi tweġiba għal informazzjoni speċifika mdaħħla minn min jirċievi;

(d) l-għotja, għall-konsiderazzjoni, tad-dritt li merkanzija jew servizz jitqiegħdu għall-bejgħ fuq sit ta' l-Internet li jopera bħala suq *on-line*, li fuqu xerrejja potenzjali jagħmlu l-offerti tagħhom permezz ta' proċedura awtomatizzata u li fuqu l-partijiet huma notifikati dwar it-twettiq ta' bejgħ permezz ta' posta elettronika ġġenerata awtomatikament minn kompjuter;

(e) Pakketti ta' Servizzi ta' l-*Internet* ta' informazzjoni li fihom il-komponent tat-telekomunikazzjonijiet jifforma parti anċillari u subordinata (jiġifieri pakketti li jmorru lil hinn minn sempliċi aċċess għall-Internet u li jinkludu elementi oħra bħal paġni ta' kontenut li jagħtu aċċess għall-aħbarijiet, ir-rapport tat-temp jew ta' l-ivvjaġġar; *hosting* ta' siti web; aċċess għal dibattiti *on-line*; eċċ.);

(f) is-servizzi elenkati fl-Anness I.

[1] It-Tmien Direttiva tal-Kunsill 79/1072/KEE tas-6 ta' Diċembru 1979 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Arranġamenti għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud lill-persuni taxxabbli li m'humiex stabbiliti fit-territorju tal-pajjiż (ĠU L 331, 27.12.1979, p. 11). Direttiva emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

Artikolu 12

It-transazzjonijiet li ġejjin, b'mod partikolari, m'għandhomx ikunu koperti mit-tnax-il inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE:

(1) is-servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni fis-sens tal-ħdax-il inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE;

(2) is-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet fis-sens ta' l-għaxar inċiż ta' l-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva 77/388/KEE;

(3) il-forniment tal-merkanzija u l-provvista tas-servizzi li ġejjin:

(a) il-merkanzija li l-ordni u l-ipproċessar ta' l-ordni tagħha jsiru b'mod elettroniku;

(b) is-CD-ROMs, *floppy discs* u medja tanġibbli simili;

(ċ) il-materjal stampat bħall-kotba, il-fuljetti, il-gazzetti u l-ġurnali;

(d) is-CDs u *audio cassettes*;

(e) il-*video cassettes* u DVDs;

(f) il-logħob fuq CD-ROM;

(g) is-servizzi ta' professjonisti bħal ma huma l-avukati u l-konsulenti finanzjarji, li jagħtu konsulenza lill-klienti tagħhom permezz tal-posta elettronika;

(h) is-servizzi ta' tagħlim, fejn il-kontenut tal-korsijiet jingħata minn għalliem permezz ta' l-Internet jew fuq *network* elettroniku (fi kliem ieħor, permezz ta' konnessjoni mill-bogħod);

(i) is-servizzi *off-line* ta' tiswija fiżika ta' l-apparat tal-kompjuter;

(j) is-servizzi ta' ħażna informatika *off-line*;

(k) is-servizzi ta' reklamar, b'mod partikolari fil-gazzetti, fuq *posters* u fuq it-televiżjoni;

(l) is-servizzi ta' assistenza bit-telefon;

(m) is-servizzi ta' tagħlim mogħtija esklussivament bil-korrispondenza, li jużaw b'mod partikolari s-servizzi tal-posta;

(n) is-servizzi ta' rkantaturi konvenzjonali li jiddependu fuq l-intervent dirett tal-bniedem, irrispettivament minn kif isiru l-offerti;

(o) is-servizzi tat-telefon b'komponent *video*, magħrufa wkoll bħala servizzi tal-*videophone*;

(p) l-aċċess għall-Internet u għall-*World Wide Web*;

(q) is-servizzi telefoniċi pprovduti fuq l-Internet.

KAPITOLU IV

AMMONT TAXXABBLI

(Artikolu 11 tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 13

Meta fornitur ta' merkanzija jew servizzi, bħala kondizzjoni meħtieġa biex jiġi aċċettat pagament b'karta ta' kreditu jew ta' debitu, jitlob li l-klijent iħallas ammont lilu jew lil intrapriża oħra, u meta l-prezz totali pagabbli minn dak il-klijent ma jkunx affettwat irrispettivament minn kif isir il-pagament, dak l-ammont jikkostitwixxi wkoll il-parti mill-ammont taxxabbli għall-provvista tal-merkanzija jew is-servizzi, skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 77/388/KEE.

KAPITOLU V

EŻENZJONIJIET

SEZZJONI 1

(Artikolu 13 tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 14

Servizzi ta' taħriġ professjonali jew ta' taħriġ mill-ġdid previsti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(A)(1)(i) tad-Direttiva 77/388/KEE għandhom jinkludu t-tagħlim marbut direttament ma' settur jew ma' professjoni, kif ukoll kull it-tagħlim mogħti bil-għan li jinkiseb jew jiġi aġġornat għarfien għal finijiet professjonali. It-tul ta' taħriġ professjonali jew ta' taħriġ mill-ġdid għandu jkun irrelevanti għal dan il-għan.

Artikolu 15

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 13(B)(d)(4) tad-Direttiva 77/388/KEE m'għandhiex tapplika għal dukati tal-platinu.

TAQSIMA 2

(Artikolu 15 tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 16

Il-mezzi tat-trasport għall-użu privat kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 77/388/KEE għandhom jinkludu l-mezzi tat-trasport użati għal finijiet mhux kummerċjali minn persuni oħra minbarra persuni fiżiċi, bħal korpi regolati mil-liġi pubblika fis-sens ta' l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva msemmija u assoċjazzjonijiet.

Artikolu 17

Sabiex jiġi determinat jekk inqabiżx il-limitu stabbilit minn Stat Membru skond it-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-kalkolu meħtieġ għandu jsir abbażi tal-valur tal-fattura. Il-valur aggregat ta' merkanzija diversa jista' jkun użat biss jekk dik il-merkanzija kollha tiġi inkluża fl-istess fattura maħruġa mill-istess persuna taxxabbli li tipprovdi l-merkanzija lill-istess klijent.

KAPITOLU VI

TNAQQIS

(Artikolu 18 tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 18

Meta l-Istat Membru li qed jimporta jkun introduċa sistema elettronika biex iwettaq il-formalitajiet tad-dwana, "dokument ta' importazzjoni" kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE għandu jkopri verżjonijiet elettroniċi ta' tali dokumenti, sakemm dawn jippermettu li jiġi verifikat l-eżerċizzju tad-dritt tat-tnaqqis.

KAPITOLU VII

SKEMI SPEĊJALI

(Artikoli 26b u 26ċ tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 19

1. "Piżijiet aċċettati mis-swieq tad-deheb" kif imsemmija fl-Artikolu 26b(A)(i) tad-Direttiva 77/388/KEE għandhom minn ta' l-inqas ikopru l-unitajiet u l-piżijiet innegozjati kif stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-lista msemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 26b(A)(ii) tad-Direttiva 77/388/KEE, "prezz" u "valur tas-suq miftuħ" kif imsemmija fir-raba' inċiż ta' dak il-punt għandhom ikunu l-prezz u l-valur tas-suq miftuħ fl-1 ta' April ta' kull sena. Jekk l-1 ta'April ma jaqax f'ġurnata li fiha dawn il-valuri huma ffissati, għandhom jintużaw il-valuri talġurnata ta' wara li fiha jkunu ffissati.

Artikolu 20

1. Meta, tul erba' xhur ta' kalendarju, persuna taxxabbli mhux stabbilita li tkun qed tuża l-iskema speċjali prevista fl-Artikolu 26ċ(B) tad-Direttiva 77/388/KEE tissodisfa minn ta' l-inqas waħda mill-kriterji għall-esklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 26ċ(B)(4), l-Istat Membru ta' l-identifikazzjoni jeskludi lil din il-persuna taxxabbli mhux stabbilita. F' dan il-każ, il-persuna taxxabli tista' tkun eskluża mill-benefiċċju ta' l-iskema speċjali f'kull ħin matul dawk l-erba' xhur.

Fir-rigward ta' servizzi elettroniċi pprovduti qabel l-esklużjoni, iżda matul l-erba' xhur ta' kalendarju li fihom isseħħ l-esklużjoni, il-persuna taxxabbli mhux stabbilita tippreżenta, għall-erba' xhur sħaħ, dikjarazzjoni skond l-Artikolu 26ċ(B)(5) tad-Direttiva 77/388/KEE. L-obbligu li tiġi preżentata din id-dikjarazzjoni m'għandux ikollha effett fuq l-obbligu eventwali li wieħed jirreġistra fi Stat Membru kif previst mid-dispożizzjonijiet normali.

2. L-Istat Membru ta' l-identifikazzjoni li jirċievi ħlas f'eċċes minn dak li jirriżulta mid-dikjarazzjoni preżentata skond l-Artikolu 26ċ(B)(5) tad-Direttiva 77/388/KEE, għandu jirrimborsa l-ammont żejjed direttament lill-persuna taxxabbli kkonċernata.

Meta l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jkun irċieva ammont li jikkorrispondi ma' dikjarazzjoni li sussegwentement jinstab li ma kenitx korretta u dan l-Istat Membru diġà ddistribwixxa dan l-ammont fost l-Istati Membri ta' konsum, dawn l-Istati Membri għandhom jirrimborsaw direttament l-ammont rilevanti lill-persuna taxxabbli mhux stabbilita u jinformaw lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni bl-aġġustament li sar.

3. Kull perijodu ta' dikjarazzjoni (erba' xhur) fis-sens ta' l-Artikolu 26ċ(B)(5) tad-Direttiva 77/388/KEE huwa perijodu ta' dikjarazzjoni indipendenti.

Ladarba dikjarazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 26ċ(B)(5) tad-Direttiva 77/388/KEE tkun ingħatat, il-bidliet eventwali magħmula sussegwentament għaċ-ċifri li jkun hemm fiha jistgħu jsiru biss permezz ta' emenda għal din id-dikjarazzjoni, u mhux b'aġġustament ta' dikjarazzjoni sussegwenti.

L-ammonti tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa skond l-Artikolu 26ċ(B)(7) tad-Direttiva 77/388/KEE għandhom ikunu speċifiċi għal din id-dikjarazzjoni. L-emendi sussegwenti għall-ammonti mħallsa jistgħu jsiru biss b'referenza għal din id-dikjarazzjoni u ma jistgħux jiġu allokati għal dikjarazzjoni oħra u lanqas aġġustati f'dikjarazzjoni sussegwenti.

4. L-ammonti tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud introdotti taħt l-iskema speċjali prevista fl-Artikolu 26ċ(B) tad-Direttiva 77/388/KEE mhumiex imqarrba 'l fuq jew 'l isfel għall-eqreb unità monetarja. L-ammont eżatt tat-taxxa fuq il-valur miżjud ikun dikjarat u mibgħut.

KAPITOLU VIII

MIŻURI TRANSITORJI

(Artikoli 28a u 28b tad-Direttiva 77/388/KEE)

Artikolu 21

L-Istat Membru li fih jintemm id-dispaċċ jew it-trasport talmerkanzija li fih isir akkwist intra-Komunitarju tal-merkanzija fis-sens ta' l-Artikolu 28a tad-Direttiva 77/388/KEE jeżerċita s-setgħa ta' tassazzjoni tiegħu, ikun xi jkun it-trattament tal-VAT li ġie applikat għat-transazzjoni fl-Istat Membru fejn beda d-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija.

Talba eventwali għall-korrezzjoni mill-fornitur ta' merkanzija tat-taxxa fatturata minnu u li hu ddikjara lill-Istat Membru fejn beda d-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija hija trattata minn dan l-Istat skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu.

Artikolu 22

Meta, tul sena ta' kalendarju, jinqabeż il-limitu applikat minn Stat Membru skond l-Artikolu 28b(B)(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, l-Artikolu 28b(B) ta' dik id-Direttiva m'għandux jimmodifika l-post ta' provvisti ta' merkanzija minbarra prodotti soġġetti dħal dazju mwettaq tul l-istess sena ta' kalendarju li jsiru qabel ma jinqabeż il-limitu applikat mill-Istat Membru għas-sena ta' kalendarju li tkun attwali, dment li l-fornitur:

(a) ma jkunx eżerċita d-dritt għall-opzjoni skond l-Artikolu 28b(B)(3) ta' dik id-Direttiva u

(b) ma jkunx qabeż il-limitu matul is-sena ta' kalendarju preċedenti.

Madankollu, l-Artikolu 28b(B) tad-Direttiva 77/388/KEE jemenda l-post tal-fornimenti li ġejjin li jsiru fl-Istat Membru fejn jintemm id-dispaċċ jew it-trasport:

(a) il-forniment li bih il-limitu applikat mill-Istat Membru għas-sena ta' kalendarju li tkun attwali ikun inqabeż matul l-istess sena ta' kalendarju;

(b) kull forniment sussegwenti fi ħdan dan l-Istat Membru matul l-istess sena ta' kalendarju;

(ċ) il-fornimenti fi ħdan dan l-Istat Membru matul is-sena ta' kalendarju li tiġi wara s-sena ta' kalendarju li fiha l-avveniment imsemmi f'punt (a) ikun seħħ.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 23

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006.

L-Artikolu 13 huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil- 17 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
M. BECKETT

ANNESS I

Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament

1. Punt 1 ta' l-Anness L għad-Direttiva 77/388/KEE

   (a) Forniment u *Hosting* ta' siti informatiċi.

   (b) Manutenzjoni awtomatizzata ta' programmi, mill-bogħod u *on-line*.

   (ċ) Amministrazzjoni tas-sistemi mill-bogħod.

   (d) Ħażna ta' *data on-line*, li tippermetti l-ħażna u l-ksib ta' *data* speċifika b'mod elettroniku.

   (e) Il-forniment *on-line* ta' spazju fuq diska fuq talba.

2. Punt 2 ta' l-Anness L għad-Direttiva 77/388/KEE

   (a) *Software* użat *online* jew imniżżel minn fuq l-Internet (b'mod partikolari programmi ta' xiri/kontabilità, *anti-virus software*) u l-aġġornament tiegħu.

   (b) *Bannerblocker* (*Software* li jservi biex jibblokka l-wiri ta' *banners* ta' reklamar).

   (ċ) *Drivers* għat-tniżżil minn fuq l-Internet, bħal *software* li jillinkja l-kompjuters ma' tagħmir periferiku (per eżempju, l-istampanti).

   (d) Installazzjoni awtomatizzata *on-line* ta' filtri fuq siti ta' l-Internet.

   (e) Installazzjoni awtomatizzata *on-line* ta' *firewalls*.

3. Punt 3 ta' l-Anness L għad-Direttiva 77/388/KEE

   (a) L-aċċess għal jew it-tniżżil minn fuq l-Internet ta' temi għad-*desktop*.

   (b) L-aċċess għal jew it-tniżżil minn fuq l-Internet ta' xbihat fotografiċi jew stampi jew *screensavers*.

   (ċ) Il-kontenut diġitalizzat ta' kotba u pubblikazzjonijiet elettroniċi oħra.

   (d) Abbonament għal gazzetti u ġurnali *on-line*.

   (e) Statistika tal-*weblogs* u tas-siti web.

   (f) Aħbarijiet, informazzjoni dwar it-traffiku u rapporti tat-temp *on-line*.

   (g) Informazzjoni *on-line* ġenerata awtomatikament minn *software*, bħala riżultat ta' *input* ta' *data* mill-klijent, bħal *data* legali jew finanzjarja (b'mod partikolari, *data* tas-swieq ta' l-ishma li hija kontinwament aġġornata).

   (h) Il-forniment ta' spazji għar-reklamar, b'mod partikolari *banners* fuq sit jew paġna ta' l-Internet.

   (i) L-użu ta' *search engines* u direttorji ta' l-Internet.

4. Punt 4 ta' l-Anness L għad-Direttiva 77/388/KEE

   (a) L-aċċess għal jew it-tniżżil minn fuq l-Internet ta' mużika fuq kompjuters u telefons ċellulari.

   (b) L-aċċess għal jew it-tniżżil minn fuq l-Internet ta' *jingles*, siltiet, *ringtones*, jew ħsejjes oħra.

   (ċ) L-aċċess għal jew it-tniżżil minn fuq l-Internet ta' films.

(d) It-tniżżil minn fuq l-Interent ta' mużika fuq kompjuters u telefoni ċellulari.

(e) L-aċċess għal logħob awtomatizzat *on-line* li huma dipendenti fuq l-Internet jew fuq *networks* elettroniċi simili u fejn dawk li jilgħabu huma ġeografikament 'l bogħod minn xulxin.

5. Punt 5 ta' l-Anness L għad-Direttiva 77/388/KEE

(a) Tagħlim mill-bogħod awtomatizzat li għall-funzjonament tiegħu huwa dipendenti fuq l-Internet jew *network* elettroniku simili u li l-forniment tiegħu jeħtieġ intervent limitat tal-bniedem, jew l-ebda intervent, li jinkludi klassijiet virtwali, ħlief fejn l-Internet jew *network* elettroniku simili huma sempliċiment użati bħala strument għall-komunikazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent.

(b) Kotba ta' taħriġ ikkompletati mill-istudent *on-line*, u kkoreġuti awtomatikament mingħajr il-ħtieġa ta' l-intervent tal-bniedem.

ANNESS II

Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament

Unità	Piżijiet negozjati
Kg	12,5/1
Gramm	500/250/100/50/20/10/5/2,5/2
Uqija (1oz = 31,1035 g)	100/10/5/1/$^{1}/_{2}$/$^{1}/_{4}$
Tael (1 tael = 1,193oz.) (1)	10/5/1
Tola (10 tolas = 3,75oz.) (2)	10

(1) Tael = unità tradizzjonali Ċiniża ta' wżin. Il-finezza nominali ta' *tael bar* ta' Ħong Kong hija ugwali għal 990 iżda fit-Tajwan 5 u 10 *tael bars* jistgħu jkunu ta' finezza ta' 999,9.

(2) Tola = unità tradizzjonali Indjana ta' wżin għad-deheb. L-aktar qies popolari għall-*bar* huwa 10 tola, finezza ta' 999.